# AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
Il-Ħadd 7 u 21 ta' April 2013 fil-5.30p.m.
Il-Ħadd 5 u 19 ta' Mejju 2013 fis-6.00p.m.
Il-Ħadd 2 u 16 ta' Ġunju 2013 fis-6.30p.m. – Adorazzjoni Ewkaristika
Il-Ħadd 7 u 21 ta' Lulju 2013 fis-6.30p.m.
**Il-laqgħa tal-5 ta' Mejju 2013 li taħbat f'għeluq is-27 sena mit-tqegħid ta' l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti tibda bir-rużarju minn tarf it-triq il-qadima.**

2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.

3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi, SGW 1320.

4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. **Għandna wkoll id-DVD "Ix-Xejn Aħjar Minni" dwar il-ħajja ta' Ġuża u l-messaġġ tal-Girgenti u DVD ieħor "Nitolbu ma' Marija" li jinkludi r-rużarji b'leħen Ġuża Mifsud.** Dawn il-kotba u DVDs jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.

5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.

6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

7. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI
No. 94 APRIL 2013 JITQASSAM BLA ĦLAS



## DIRETTURI SPIRITWALI U SAĊERDOTI OĦRA LI GĦENU LIL ĠUŻA MIFSUD

Meta wieħed jagħti ħarsa lejn il-qassisin li assistew lil Ġuża Mifsud matul ħajjitha żgur li l-virtu' jew kwalita' li kienet komuni għalihom kollha hija dik tal-qdusija. Fost l-aktar li kienet issemmi kienu San Ġorġ Preca, Dun Ġorġ Mercieca, Dun Danjel Farrugia, Mons. Salvatore Grima, Mons. Amante Buontempo u Dun Nazzaren Tonna. Ma nistax ma' nsemmix ukoll lil Mons. Carmelo Xuereb li għal snin okkupa l-kariga ta' Vigarju Ġenerali u li kellu

diversi laqgħat ma' Ġuża Mifsud biex jagħmel l-istħarriġ tiegħu fuq id-dheriet li Ġuża kienet tallega li kien ikollha.

## SAN ĠORĠ PRECA

Dwar San Ġorġ Preca, Ġuża tgħid hekk, "L-ewwel darba li jiena mort għand Dun Ġorġ Preca kien qiegħed iqarar il-Ħamrun fil-Knisja ta' San Ġejtanu u għidtlu, 'Jiena ġejt għandek illum biex tagħmilli qrara ġenerali.' Hu staqsieni fejn inqerr issoltu u jiena għidtlu li kont inqerr għand Dun Ġorġ Mercieca. Għidtlu li dan Dun Ġorġ Mercieca, il-konfessur tiegħi ma riedx jagħmilli din il-qrara u Dun Ġorġ Preca qalli, 'Dun Ġorġ Mercieca ma għamilhielekx din il-qrara, u kun af li lanqas Dun Ġorġ Preca mhu ħa jagħmilhielek. Din il-qrara tagħmilha mkien. Int lanqas kapaċi tagħmel dnub venjal, aħseb u ara dnub mejjet. U peress li qed tgħidli li l-konfessur tiegħek hu Dun Ġorġ Mercieca aħjar, għax aktar insir nafek.'" Tajjeb jingħad li Dun Ġorġ Preca u Dun Ġorġ Mercieca kienu jqerru għand xulxin.

Tkompli tgħid li meta xi żmien wara hija qaltlu li rat is-Sinjura tal-Ħajja, "Dun Ġorġ Preca kien qalli li jaf ħafna affarijiet, 'u l-Madonna mhix ser tieqaf hawn miegħek. Jiena lil Ġesù fit-tqarbin qiegħed noħodlu rasu fuqek.' Jiena meta kont qed inkellmu qabadni ftit tal-bard imma offrejtu lill-Madonna. Qalli, 'il-Mulej ħa jinqeda bik'. Jiena għidtlu, 'Dun Ġorġ, imma inti ma taranix li jiena dgħajfa ħafna għal dawn l-affarijiet?' Qalli, 'Jiena ħa ngħidlek biex tħalli kollox fl-Id tal-Providenza t'Alla għax Alla jinqeda b'min irid. Ftit ġranet ilu sirt naf li Ġesù qiegħed jinqeda bik biex tikkonverti l-erwieħ.'"

F'messaġġ irrekordjat minn Ġuża f'Jannar 1992 hija qalet, "Meta kont nitkellem ma' Dun Ġorġ kien jgħidli, 'Binti, meta jinkwetawk jew iħabbtuk jew jgħidulek xi affarijiet fuq dan il-messaġġ aqbad itlob lill-Mulej. Għax la r-ruħ tkun ta' Alla trid tkun iddedikata ħafna fit-talb u la jkun hemm it-talb ikun hemm is-saħħa tar-ruħ… M'għandekx għalfejn toqgħod titħawwad għax il-Mulej iħobbok ħafna. Ibda itlob hekk, 'Sinjur Alla inti fuqi taf kollox. Inti taf li jiena bniedma ddedikata għalik.'

## DUN ĠORĠ MERCIECA

Dwar Dun Ġorġ Mercieca, Ġuża tgħid illi, "…kien jiġi d-dar iħabbat il-bieb nhar ta' Sibt u kien jgħidilha lil ommi, 'Kolina ħalli lil Ġuża tmur torqod naqra għand oħti għax jiena ħa mmur Ħad-Dingli… u oħti ħa torqod waħedha.' Ommi qaltlu, 'u jiena?' Qalilha, 'inti għandek lil Sidor u oħti ma jkollha lil ħadd.' Ommi kienet tgħidli, 'Ġuża aħseb ħalli tmur torqod ma oħt Dun Ġorġ.'" Tajjeb jingħad li meta attendiet għall-Kungress ta' l-Isem Imqaddes t'Alla li kien sar f'Raħal Gdid u li fih l-Arċisqof Gonzi kien ħabbar li l-Gvern kien għadda liġi kontra d-dagħa, hi kienet diġa qegħda Raħal Ġdid iżżomm kumpanija lil Giovanna, oħt Dun Ġorġ.

Fost affarijiet oħra Ġuża tirrakkonta kif darba Dun Ġorġ Mercieca tela' r-razzett tal-Girgenti. Sab lil ħutha Karmnu u Kola u staqsiehom għal Nikolina, omm Ġuża. "U dana Dun Ġorg qalilha, 'Kolina, Kolin,' qalilha, 'jiena ġejt hawn fuq biex nugża gażja lil Ġuża.' U ommi u ħuti qabdu jidħku. Qalilha, 'Ara lil Ġuza tindaħlulha fl-affarijiet tagħha… qed ngħidlek jiena, għax Ġuża qed tagħmel l-affarijiet ta' Alla.' U qabżet ommi u qaltlu, 'jiena miskina dejjem ġejja u sejra warajna… imfarkka bit-tbatijiet u kollox.' Qalilha, 'imma qed ngħidlek lil Ġuża tkellmuhiex, għax Ġuża m'għaqda m'Alla.' U lili kien jgħidli, 'Ġuża jien qed ngħidlek li l-Mulej kuntent ħafna bik.'"

## MONS. SALV GRIMA

Konferma li d-direzzjoni spiritwali ta' Ġuża minn Mons. Grima bdiet fil-bidu tas-snin ħamsin huma diversi ittri li nstabu d-dar tagħha. L-aktar ittra bikrija li sibt hija ddatata l-11 ta' Frar 1951. Jidher li Ġuża dak iż-żmien kellha xi problemi dwar saħħitha u kienet tistħi tkellem tobba, eċċ. Apparti minn hekk jidher li kienet qegħda tbati minn ħafna tentazzjonijiet, għaliex fl-ittra gja msemmija, wara li għarrafha li ma kienx irrispondiha qabel għall-ittra tagħha għax kien imħabbat ħafna bl-irtiri, kompla jgħidilha hekk: "Nixtieqek ħafna li tmur għand il-professur meta tkun tiflaħ ħalli jara x'għandek u jagħmillek dak li għandek bżonn. It-tbatija u l-mistħija li ssofri, ħallathom mal-mistħija u t-tbatija li sofra Ġesù fil-Passjoni tiegħu u offrihom għall-konverżjoni tal-midinbin. Pero qis li tibża' għall-saħħtek għax inkella ma tkunx tista' taqdi dik il-missjoni li għażlek għalija Ġesù.

Rigward it-tentazzjonijiet, jiena nixtieqek li ma titlifx il-kalma. Tikkonfondix bihom għaliex dawk ma humiex dnubiet. Santa Katerina minn Siena kienet tkun ittentata ħafna u frattant Ġesù kien iħobba ħafna u kien jgħidilha li kien jieħu gost jaraha tikkumbatti

għall-imħabba tiegħu. U jiena naħseb li bik ukoll qiegħed jieħu gost jarak tikkumbatti u naħseb li tagħtih glorja kbira kull darba li ġġib rebħa fuqhom. Waħda qaddisa taf x'kienet tgħid? Kienet tgħid li t-tentazzjonijiet tikkonsidrhom bħala telefonati ta' Ġesù għax f'kull tentazzjoni kienet tirrikorri lejh bit-talb. Agħmel il-kuraġġ, ħobb ħafna lilu u tibżax mill-ebda tentazzjoni. It-Tqarbin tfalliħx u qis li ma tmurx tħallih għax tkun ittentata. Aktar ma tkun ittentata, aktar għandek titqarben għax aktar ikollok bżonn ta' l-għajnuna tat-Tqarbin. Taf meta għandek tħallih? Meta tkun ma tiflaħx imma 'l bqija tqarben dejjem...”

Ittra oħra hija dik tas-6 ta' Awissu 1984, ittra mportanti għax fiha qed jiddikjara r-rwol tiegħu fir-rigward tad-direzzjoni ta' Ġuża u wkoll qiegħed juri l-fiduċja tiegħu f'dak li kienet qegħda tgħidlu rigward tal-Madonna: “... Qabel xejn jiena nħoss li d-direzzjoni tiegħek il-Bambin iridha minn għandi. Jiena naċċetta din il-missjoni u ngħinek mill-aħjar li nista'. Inħossni kuntent li qed ngħinek f'dan l-appostolat qaddis. Inti wkoll għandek tħossok ixxurtjatha li l-Madonna għażlitek biex ixxerred il-messaġġ tagħha. Jiena nħoss ukoll li tant Ġesù u kemm ukoll l-Omm għażiża Tiegħu huma kuntenti bik għax-xogħol li qegħda tagħmel għall-glorja tagħhom. Jiena żgur li waqt il-pont tal-mewt l-akbar konsolazzjoni li jkollok tkun dik li inti tkun komplejt max-xewqat qaddisa tagħhom. Pero, nixtieqek li inti tibża għal saħħtek biex tkun tista' taqdi din il-missjoni li afdawlek. Issa x-xogħol tiegħek għandu jkun li titlob il-Madonna biex tkompli tqaddsek ħalli tkun aktar denja li taqdi din il-missjoni...”

Iżda l-akbar stqarrija tiegħu dwar il-ġenwinita ta' Ġuża Mifsud toħroġ ċara mid-dikjarazzjoni ffirmata minnu fit-3 ta' Ottubru 1985. Din tgħid hekk: “Ġejt mistoqsi fuq Ġuża Mifsud rigward it-titoli tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni u Madonna tal-Girgenti. Jiena, bħala konfessur tagħha, nista' ngħid li hi ġenwina ħafna u ta' min jorbot fuqha. Għalhekk, fl-opinjoni tiegħi, ta' min jinkoraġġiha biex ix-xewqat tal-Madonna jseħħu.”

Dikjarazzjoni oħra tiegħu ħarġet fil-beraħ fil-15 ta' Frar 1990 permezz tal-Kanonku Dun Ġwann Palmier. F'din id-dikjarazzjoni ffirmata mill-Kanonku Palmier huwa jgħid hekk: “Jiena, hawn taħt iffirmat... niddikjara minn rajja u bil-liberta' kollha, li snin ilu meta kienu qegħdin jixterdu xniegħat persistent dwar dehriet tal-Madonna lil waħda xebba mis-Siġġiewi u kien qed jissemma ħafna Monsinjur Salvatore Grima, meta dan kien għadu fl-aħjar tas-sensi tiegħu, jiena mort infittxu fid-Dar tal-Kleru biex nagħmillu xi mistoqsijiet dwar dan l-għajdut. Għidtlu, 'Monsinjur, inti qiegħed tissemma ħafna dwar ċerti dehriet li l-Madonna għamlet u għadha tagħmel lil waħda xebba fis-Siġġiewi (Girgenti). Din hija xi ħaġa serja?' Huwa qalli bla tlaqliq: 'Dik ħaġa serjissima! Dik ix-xebba damet ħafna tiġi tqerr għandi... imma nerġa ngħidlek li dik hija ħaġa serjissima.' Qalli wkoll li hi qegħda tiltaqa' ma ħafna tfixkil ... iżda b'dana kollu żgur ta' min jemminha.'



Kif intqal drabi oħra, Mons. Grima kien strumentali ħafna sabiex fl-1983, Ġuża tibda titkellem fil-pubbliku dwar l-allegati deheriet tal-Madonna u matul is-snin baqa' jgħin lil Ġuża b'kull mezz possibbli. Saħansitra kien anka jħallilha l-Ewkaristija d-dar sabiex hi tkun tista' titqarben peress li hu kien fehem li ma setgħetx toqgħod mingħajr Ġesù Ostja. Kien jieħu l-Ewkaristija miegħu kull meta kien imur għandha nhar ta' Erbgħa u Sr. Roża ġieli qaltli li tgħidx kemm kienet tkun kuntenta takkumpanjah fil-karozza għax kienu qishom ikunu f'pelegrinaġġ, b'Ġesù magħhom.

Fis-snin tmenin kien hemm drabi meta Mons. Grima akkumpanja lil Ġuża l-Kurja. Konferma ta' dan huwa parti mid-diskors ta' Mons. Carmelo Xuereb waqt l-omelija li għamel fil-quddiesa tal-funeral ta' Ġuża li saret fit-30 ta' Ottubru 1996. Huwa qal hekk, “Niftakar li madwar għaxar snin ilu, fis-sena 1987, kont Vigarju l-Kurja, Ġuża ġiet flimkien ma' Monsinjur Grima biex tarani u biex naturalment nagħti s-siġill uffiċċjali tad-dehriet li kellha mill-Madonna, li kienet tallega li kellha mill-Madonna. Dan ma stajtx nagħmlu jien, dan ma tistax tagħmlu l-Knisja. Il-Knisja l-proċedura tagħha hija proċedura ta' eżami rqiq, ta' eżami fin qabel ma tasal għad-deċiżjoniet tagħha. Pero jiena għedtilha biex tkompli tkabbar in-numru ta' dawk l-erwieħ li jridu jitqaddsu, jersqu lejn Ġesù permezz ta' Marija Santissima. Ħarġet hi u kellimni Mons. Grima waħdi u qalli: “Ilni ħafna nidderiġi erwieħ, imma ruħ mistika bħalma kienet ta' Ġuża, bħalma hi ta' Ġuza qatt ma ltqajt magħha.” Kellu din l-idea sublimi ta' din ir-ruħ marbuta intimament ma' Alla, marbuta kompletament u intimament mal-Mulej.”

*...Ikompli f'ħarġa oħra*

***Sylvana Spiteri LL.D***

diversi laqgħat ma' Ġuża Mifsud biex jagħmel l-istħarriġ tiegħu fuq id-dheriet li Ġuża kienet tallega li kien ikollha.

## SAN ĠORĠ PRECA

Dwar San Ġorġ Preca, Ġuża tgħid hekk, "L-ewwel darba li jiena mort għand Dun Ġorġ Preca kien qiegħed iqarar il-Ħamrun fil-Knisja ta' San Ġejtanu u għidtlu, 'Jiena ġejt għandek illum biex tagħmilli qrara ġenerali.' Hu staqsieni fejn inqerr issoltu u jiena għidtlu li kont inqerr għand Dun Ġorġ Mercieca. Għidtlu li dan Dun Ġorġ Mercieca, il-konfessur tiegħi ma riedx jagħmilli din il-qrara u Dun Ġorġ Preca qalli, 'Dun Ġorġ Mercieca ma għamilhielekx din il-qrara, u kun af li lanqas Dun Ġorġ Preca mhu ħa jagħmilhielek. Din il-qrara tagħmilha mkien. Int lanqas kapaċi tagħmel dnub venjal, aħseb u ara dnub mejjet. U peress li qed tgħidli li l-konfessur tiegħek hu Dun Ġorġ Mercieca aħjar, għax aktar insir nafek.'" Tajjeb jingħad li Dun Ġorġ Preca u Dun Ġorġ Mercieca kienu jqerru għand xulxin.

Tkompli tgħid li meta xi żmien wara hija qaltlu li rat is-Sinjura tal-Ħajja, "Dun Ġorġ Preca kien qalli li jaf ħafna affarijiet, 'u l-Madonna mhix ser tieqaf hawn miegħek. Jiena lil Ġesù fit-tqarbin qiegħed noħodlu rasu fuqek.' Jiena meta kont qed inkellmu qabadni ftit tal-bard imma offrejtu lill-Madonna. Qalli, 'il-Mulej ħa jinqeda bik'. Jiena għidtlu, 'Dun Ġorġ, imma inti ma taranix li jiena dgħajfa ħafna għal dawn l-affarijiet?' Qalli, 'Jiena ħa ngħidlek biex tħalli kollox fl-Id tal-Providenza t'Alla għax Alla jinqeda b'min irid. Ftit ġranet ilu sirt naf li Ġesù qiegħed jinqeda bik biex tikkonverti l-erwieħ.'"

F'messaġġ irrekordjat minn Ġuża f'Jannar 1992 hija qalet, "Meta kont nitkellem ma' Dun Ġorġ kien jgħidli, 'Binti, meta jinkwetawk jew iħabbtuk jew jgħidulek xi affarijiet fuq dan il-messaġġ aqbad itlob lill-Mulej. Għax la r-ruħ tkun ta' Alla trid tkun iddedikata ħafna fit-talb u la jkun hemm it-talb ikun hemm is-saħħa tar-ruħ... M'għandekx għalfejn toqgħod titħawwad għax il-Mulej iħobbok ħafna. Ibda itlob hekk, 'Sinjur Alla inti fuqi taf kollox. Inti taf li jiena bniedma ddedikata għalik.'

## DUN ĠORĠ MERCIECA

Dwar Dun Ġorġ Mercieca, Ġuża tgħid illi, "...kien jiġi d-dar iħabbat il-bieb nhar ta' Sibt u kien jgħidilha lil ommi, 'Kolina ħalli lil Ġuża tmur torqod naqra għand oħti għax jiena ħa mmur



Ħad-Dingli... u oħti ħa torqod waħedha.' Ommi qaltlu, 'u jiena?' Qalilha, 'inti għandek lil Sidor u oħti ma jkollha lil ħadd.' Ommi kienet tgħidli, 'Ġuża aħseb ħalli tmur torqod ma oħt Dun Ġorġ.'" Tajjeb jingħad li meta attendiet għall-Kungress ta' l-Isem Imqaddes t'Alla li kien sar f'Raħal Ġdid u li fih l-Arċisqof Gonzi kien ħabbar li l-Gvern kien għadda liġi kontra d-dagħa, hi kienet diġa qegħda Raħal Ġdid iżżomm kumpanija lil Giovanna, oħt Dun Ġorġ.

Fost affarijiet oħra Ġuża tirrakkonta kif darba Dun Ġorġ Mercieca tela' r-razzett tal-Girgenti. Sab lil ħutha Karmnu u Kola u staqsiehom għal Nikolina, omm Ġuża. "U dana Dun Ġorg qalilha, 'Kolina, Kolin,' qalilha, 'jiena ġejt hawn fuq biex nugża gażja lil Ġuża.' U ommi u ħuti qabdu jidħku. Qalilha, 'Ara lil Ġuza tindaħlulha fl-affarijiet tagħha... qed ngħidlek jiena, għax Ġuża qed tagħmel l-affarijiet ta' Alla.' U qabżet ommi u qaltlu, 'jiena miskina dejjem ġejja u sejra warajna... imfarkka bit-tbatijiet u kollox.' Qalilha, 'imma qed ngħidlek lil Ġuża tkellmuhiex, għax Ġuża m'għaqda m'Alla.' U lili kien jgħidli, 'Ġuża jien qed ngħidlek li l-Mulej kuntent ħafna bik.'"

## MONS. SALV GRIMA

Konferma li d-direzzjoni spiritwali ta' Ġuża minn Mons. Grima bdiet fil-bidu tas-snin ħamsin huma diversi ittri li nstabu d-dar tagħha. L-aktar ittra bikrija li sibt hija ddatata l-11 ta' Frar 1951. Jidher li Ġuża dak iż-żmien kellha xi problemi dwar saħħitha u kienet tistħi tkellem tobba, eċċ. Apparti minn hekk jidher li kienet qegħda tbati minn ħafna tentazzjonijiet, għaliex fl-ittra gja msemmija, wara li għarrafha li ma kienx irrispondiha qabel għall-ittra tagħha għax kien imħabbat ħafna bl-irtiri, kompla jgħidilha hekk: "Nixtieqek ħafna li tmur għand il-professur meta tkun tiflaħ ħalli jara x'għandek u jagħmillek dak li għandek bżonn. It-tbatija u l-mistħija li ssofri, ħallathom mal-mistħija u t-tbatija li sofra Ġesù fil-Passjoni tiegħu u offrihom għall-konverżjoni tal-midinbin. Pero qis li tibża' għall-saħħtek għax inkella ma tkunx tista' taqdi dik il-missjoni li għażlek għalija Ġesù.

Rigward it-tentazzjonijiet, jiena nixtieqek li ma titlifx il-kalma. Tikkonfondix bihom għaliex dawk ma humiex dnubiet. Santa Katerina minn Siena kienet tkun ittentata ħafna u frattant Ġesù kien iħobba ħafna u kien jgħidilha li kien jieħu gost jaraha tikkumbatti

## KONSAGRAZZJONI TAL-FAMILJI LILL-QALB IMQADDSA TA' ĠESU U L-QALB BLA TEBGĦA TA' MARIJA

Ġuża Mifsud kienet magħrufa ma' ħafna Siġġiwien għall-ammont kbir ta' familji li kienet ħejjiet sabiex jagħmlu l-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom. Fl-2011 fil-laqgħa ta' Mejju kien sar l-ewwel grupp ta' konsagrazzjonijiet tal-familja u l-istess sar fil-laqgħa ta' Mejju 2012.

Hija x-xewqa tal-Kumitat Madonna tal-Konsagrazzjoni illi anka din is-sena terġa ssir din iċ-ċerimonja sabiex familji ġodda jiġu kkonsagrati. Dawk li diġa għamlu l-konsagrazzjoni jistgħu jerġgħu iġġeddu l-konsagrazzjoni tal-familja tagħhom billi jkunu preżenti għal-laqgħa tal-5 ta' Mejju u jieħdu sehem fit-talb li jingħad. Dawk li jixtiequ jagħmlu l-konsagrazzjoni għall-ewwel darba huma ġentilment mitluba jgħaddulna d-dettalji tagħhom qabel il-laqgħa ta' Mejju (email: ourladyofconsecration@gmail.com jew Facebook jew ittra f'6, Sqaq 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi).

## AVVIŻI IMPORTANTI

### IL-5 TA' MEJJU 2013

Dak inhar niffesteġġjaw is-sebgħa u għoxrin sena minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna fil-Girgenti. Hija ħaġa sabiħa li dakinhar niltaqgħu ilkoll flimkien, nitolbu flimkien u nirringrazzjaw lis-sema flimkien. Inħeġġiġkom minn issa sabiex iżżommu dan l-appuntament mal-Madonna. Hi qatt ma tonqos mill-għajnuna tagħha, ejjew aħna wkoll nagħtu s-sehem tagħna!

### IT-2 TA' ĠUNJU 2013

Laqgħa oħra importanti, Adorazzjoni Ewkaristika fil-preżenza ta' Ġesu Sagramentat. Ejjew ħalli flimkien infaħħru lil Ġesu u npattu għad-disprezzi li huwa jirċievi minn tant bnedmin.

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.



## GRAZZJI MAQLUGĦA

**G. Gauci minn Naxxar** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna. Kien għadha ħajja Ġuża meta kienet marret tkellimha u qaltilha li kienet inkwetata ħafna minħabba uġigħ ta' ras li kellha. Ġuża kienet serħitilha moħħha u kollox ġara kif kienet indikatilha Ġuża.

**N. N. mill-Fgura** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti.

**R. Cauchi mill-Belt mill-Belt** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qala' bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud. Jgħid li f'Diċembru 2011 tah attakk tal-qalb. Dam xhur l-isptar jissielet mal-mewt iżda b'talb li sar lil Ġuża Mifsud, saħħtu qalbet għall-aħjar u reġa beda jmur għax-xogħol.

**T. Attard minn Birkirkara** jirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qala bl-interċssjoni tal-Madonna u ta' Ġuża Mifsud. Jgħid li kellu ħabib tiegħu li kien l-ITU, iżda mar il-Girgenti u talab għall-bżonnijiet tiegħu dan il-ħabib ħareġ mill-ITU.

**G. Casha minn Għawdex** tirringrazzja lil Alla għall-grazzja li qalgħet bl-interċessjoni ta' Ġuża Mifsud. Kellhom tarbija li malli twieldet ġiet operata u għall-grazzja t'Alla l-operazzjoni kienet success u t-tarbija qegħda d-dar flimkien mal-familja.

**D. Saliba mill-Fgura** tirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qalgħet bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Girgenti. Kien hemm riskju li qarib tagħha kien ser ikollu jagħmel operazzjoni serja, iżda l-operazzjoni ġiet evitata.

### TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li nižžik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*